DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** **2598 2426 / 2598 2425** **Indirizz Elettroniku:** **gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt**

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 8 ta' Ġunju 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 106/2016

**Lill- :** Prinċipali tal-Kulleġġi, Kapijiet, tal-iskejjel Primarji, Medji, Sekondarji u Postsekondarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti, u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat, George Mifsud u Doreen Coleiro – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Il-Kitba tal-Kliem mill-Ingliż fil-Malti – Seminar Pubbliku

---

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti jistieden lill-pubbliku, b'mod speċjali lill-għalliema tas-Snin Bikrin u tal-Primarja, kif ukoll lill-għalliema tas-Sekondarja u l-Postsekondarja li jgħallmu l-Malti jew suġġetti oħra bil-Malti, għal seminar ta' nofstanhar fuq il-kitba tal-kliem mill-Ingliż fil-Malti li se jsir is-Sibt, 18 ta' Ġunju 2016, fil-Lukanda Le Méridien, San Ġiljan.

Matul dan is-seminar il-Kunsill, li studja kif se niktbu l-kliem mill-Ingliż, se jippreżenta l-proposti li wasal għalihom u jisma' lill-pubbliku dwarhom qabel jippubblikahom. Dawn il-proposti qed isiru wara analiżi tal-ortografija u sensiela ta' laqgħat f'kumitat tekniku li kien fih nies minn oqsma differenti bħal għalliema, awturi u ġurnalisti. Il-proposti se jiġu ppreżentati wara li l-Kunsill ikkunsidra wkoll is-suġġerimenti tal-pubbliku fid-diskussjonijiet li organizza minn żmien għal żmien u opinjonijiet oħra li dehru fil-gazzetti u l-internet.

**Min hu interessat jattendi s-seminar, mitlub jirriserva postu sat-13 ta' Ġunju billi jimla l-formola elettronika mis-sit tal-Kunsill: www.kunsilltalmalti.gov.mt**. Mal-applikazzjoni qed jintalab ħlas ta' €5 li jrid isir ukoll sat-13 ta' Ġunju. Tagħrif ieħor jinsab ukoll mill-paġna tal-Facebook: www.facebook.com/kunsilltalmalti.

Grazzi tal-attenzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**